KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
COLLINS
ippreżentati fl-1 ta’ Frar 2024[1]

**Kawża C-53/23**

**Asociația “Forumul Judecătorilor din România”,**
**Asociația “Mișcarea pentru Apărarea Statutului Procurorilor”**
**vs**
**Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație și Justiție – Procurorul General al României**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Pitești (il-Qorti tal-Appell, Pitești, ir-Rumanija))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Stat tad-dritt – Indipendenza tal-ġudikatura – Artikolu 2 TUE – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TEU – Artikoli 12 u 47 tal-Karta – Ordni li taħtar prosekuturi li jinvestigaw allegazzjonijiet kriminali u ta’ korruzzjoni u jressqu proċeduri kontra l-imħallfin u l-prosekuturi – Azzjoni mill-assoċjazzjonijiet tal-imħallfin u tal-prosekuturi għal annullament parzjali ta’ ordni – *Locus standi* ta’ assoċjazzjonijiet biex iressqu proċeduri – Rekwiżit taħt id-dritt nazzjonali ta’ dritt sostantiv jew interess privat leġittimu”

## Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tqajjem punt ġdid tad-dritt tal-Unjoni. L-assoċjazzjonijiet tal-imħallfin u prosekuturi stabbiliti bil-għan li jippromwovu sistema ġudizzjarja indipendenti, imparzjali u effiċjenti[2] jistgħu jinvokaw l-Artikolu 2 u l-Artikolu 19(1) TUE, moqri fid-dawl tal-Artikoli 12 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar ’il quddiem il-“Karta”), biex jistabbilixxu l-*locus standi* tagħhom sabiex iressqu azzjoni quddiem il-qorti nazzjonali intiża għal dan l-għanijiet?

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] L-assoċjazzjonijiet huma l-Asociația “Forumul Judecătorilor din România” (l-Assoċjazzjoni “Forum tal-Membri tal-Ġudikatura Rumeni”) u l-Asociația “Mișcarea pentru Apărarea Statutului Procurorilor” (l-Assoċjazzjoni “Moviment għad-Difiża tal-Istatus tal-Prosekuturi”) (iktar ’il quddiem ir-“rikorrenti”).

## Il-kuntest ġuridiku – il-leġiżlazzjoni nazzjonali

2. L-Artikolu 8(1[1]) tal-Legea a nr. 554/2004 contenciosului administrativ (il-Liġi Nru 554/2004 dwar Proċeduri Amministrattivi) tat-2 ta' Diċembru 2004[3] jipprovdi li:

"Il-persuni fiżiċi u ġuridiċi tad-dritt privat ma jistgħux jifformulaw talbiet li bihom jinvokaw id-difiża ta' interess pubbliku leġittimu b'mod sussidjarju biss, inkwantu l-ħsara lill-interess pubbliku leġittimu toħroġ loġikament minn ksur ta' dritt suġġettiv jew ta' interess privat leġittimu".

3. F'Marzu 2022, daħlet fis-seħħ il-Legea nr. 49/2022 privind desființarea Secției pentru investigarea infracțiunilor din justiție, precum și pentru modificarea Legii nr. 135/2010 privind Codul de procedură penală (il-Liġi Nru 49/2022 dwar it-Tneħħija tas-Sezzjoni għall-Investigazzjoni ta' Reati Mwettqa mill-Ġudikatura u l-Modifika tal-Liġi Nru 135/2010 li Tistabbilixxi l-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali)[4]. Din neħħiet is-Secția pentru investigarea infracțiunilor din justiție (is-Sezzjoni għall-Investigazzjoni ta' Reati Mwettqa mill-Ġudikatura; iktar 'il quddiem is-"SIIJ") fil-Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație și Justiție (l-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni anness mal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ir-Rumanija; iktar 'il quddiem il-"PÎCCJ"). Il-Liġi Nru 49/2022 ittrasferiet ukoll ir-responsabbiltà għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati kollha, inkluż il-korruzzjoni, allegatament imwettqa mill-imħallfin u mill-prosekuturi lis-sezzjoni għall-investigazzjoni kriminali tal-PÎCCJ jew lill-Uffiċċji tal-Prosekutur Pubbliku annessi mal-Qrati tal-Appell, skont il-mument li fih iservu tali mħallfin u prosekuturi.

4. Skont l-Artikolu 3(3) tal-Liġi Nru 49/2022, il-Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație și Justiție – Procurorul General al României (il-Prosekutur Ġenerali tal-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni anness mal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ir-Rumanija, iktar 'il quddiem il-"konvenut"), filwaqt li jaġixxi fuq proposta tal-assemblea plenarja tal-Consiliul Superior al Magistraturii (il-Kunsill Suprem tal-Ġudikatura, ir-Rumanija, iktar 'il quddiem is-"KSĠ"), jaħtar il-prosekuturi biex iressqu l-proċeduri kriminali fir-rigward ta' dawn ir-reati. Il-Ministru tal-Ġustizzja huwa membru tal-KSĠ. Il-konvenut adotta l-Ordni Nru 108/2022 tat-3 ta' Ġunju 2022 biex Jaħtar Diversi Prosekuturi biex Iressqu Proċeduri Kriminali skont il-Liġi Nru 49/2022 (iktar 'il quddiem l-"ordni kkontestata"). Dik l-ordni kienet adottata fuq proposta tal-assemblea plenarja tas-KSĠ[5].

## It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

5. Ir-rikorrenti huma persuni ġuridiċi mingħajr skop ta' lukru, mhux governattivi u apolitiċi rregolati mid-dritt privat. L-istatus tagħhom jafferma li huma stabbiliti, *inter alia,* sabiex jiżguraw sistema ġudizzjarja indipendenti, imparzjali u effiċjenti u biex jistabbilixxu, jappoġġjaw, jikkoordinaw u jimplimentaw proġetti biex itejbu, jimmodernizzaw u jirriformaw is-sistema ġudizzjarja.

6. Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Curtea de Apel Pitești (il-Qorti tal-Appell, Pitești, ir-Rumanija) fil-5 ta' Awwissu 2022, ir-rikorrenti ressqu azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju fejn talbu l-annullament parzjali tal-ordni kkontestata. Huma jikkontestaw il-ħatra għal, *inter alia,* il-PÎCCJ,

3 *Monitorul Oficial al României,* Parti I, Nru 1154 tas-7 ta' Diċembru 2004 ("Liġi Nru 554/2004").
4 *Monitorul Oficial al României,* Parti I, Nru 244 tal-11 ta' Marzu 2022 ("Liġi Nru 49/2022").
5 Hotărârea nr. 63/3 mai 2022 (id-Deċiżjoni Nru 63 tat-3 ta' Mejju 2022).

ta' diversi prosekuturi responsabbli għall-investigazzjoni u prosekuzzjoni tar-reati kriminali kollha allegatament imwettqa mill-imħallfin u prosekuturi. Ir-rikorrenti jsostnu li l-Liġi Nru 49/2022, li tipprovdi l-bażi legali għall-ordni kkontestata, tmur kontra l-Artikolu 2, l-Artikolu 4(3) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u l-Anness IX tal-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni[6] u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/928/KE[7] kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha Asociația "Forumul Judecătorilor" din România[8].

7. Ir-rikorrenti jsostnu li, fid-dawl tan-natura speċifika tagħhom, l-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni kontra l-imħallfin u l-prosekuturi għandhom jiġu investigati u ssir prosekuzzjoni għalihom minn prosekuturi speċjalizzati, li huma esperti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u li għandhom riżorsi adegwati biex iwettqu dak il-kompitu b'mod korrett. Ir-rikorrenti joġġezzjonaw għall-parteċipazzjoni tal-assemblea plenarja tal-KSĠ fil-proċedura li twassal għall-ħatra tal-persuni inkarigati biex iwettqu dan il-kompitu. Barra minn hekk huma jsostnu li l-proċedura ma tiżgurax li l-prosekuturi jinħatru abbażi tal-mertu jew li huma jkunu indipendenti. Huma jsostnu finalment li d-Direcția Națională Anticorupție (id-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni, ir-Rumanija, iktar 'il quddiem id-"DNA") – li jispeċjalizza fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fir-Rumanija u huwa strutturalment awtonomu mill-PÎCCJ[9] – għandu jkun inkarigat bir-responsabbiltà ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni għal tali reati.

8. Il-konvenut oġġezzjona għall-ammissibbiltà tar-rikors fuq il-bażi li r-rikorrenti ma għandhomx *locus standi* biex jitolbu l-istħarriġ ġudizzjarju tal-ordni kkontestata. Skont il-konvenut, din l-azzjoni hija bbażata fuq interess pubbliku leġittimu iktar milli fuq dritt suġġettiv jew interess privat leġittimu kif jeżiġi d-dritt nazzjonali. Peress li l-ordni kkontestata la taffettwa lir-rikorrenti u lanqas lill-għanijiet tagħhom, imma pjuttost lill-prosekuturi maħtura taħtu, ir-rikorrenti ma għandhomx dritt suġġettiv jew interess privat leġittimu biex jikkontestaw il-validità tiegħu u għaldaqstant ma jistgħux jinvokaw interess pubbliku leġittimu biex jagħmlu dan.

9. Ir-rikorrenti jasserixxu l-*locus standi* tagħhom fuq il-bażi li l-attività prinċipali tagħhom hija li jiddefendu l-istatus tal-imħallfin u tal-prosekuturi, li jippromwovu d-drittijiet u l-valuri ta' dawn il-professjonijiet u li "jiddefendu l-indipendenza tal-ġudikatura fi Stat rregolat mill-Istat tad-dritt". L-istatuti tal-Asociația "Forumul Judecătorilor din România" jikkontemplaw il-ftuħ ta' ċerti proċeduri legali intiżi li jfittxu dawn l-għanijiet.

10. Il-qorti tar-rinviju tgħid li, skont l-Artikolu 1(1) tal-Liġi Nru 554/2004, kull persuna tista' tippreżenta rikors quddiem il-qorti kompetenti biex titlob l-annullament ta' att amministrattiv ta' xi awtorità pubblika li taffettwa b'mod negattiv l-interessi leġittimi tagħhom. L-Artikolu 2 tal-Liġi Nru 554/2004 jipprovdi li l-interess leġittimu jista' jkun ta' natura privata jew pubblika. L-Artikolu 8($1^1$) tal-Liġi Nru 554/2004 jipprovdi, essenzjalment, li l-persuni fiżiċi u ġuridiċi rregolati mid-dritt privat jistgħu jinvokaw interess pubbliku biex iressqu proċeduri biss jekk dak

6 Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-aġġustamenti lit-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU 2005 L 157, p. 203, iktar 'il quddiem l-"Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni").

7 Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika tal-progress fir-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni (ĠU 2006 L 354M, p. 56, iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni MKV"). Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (EU) 2023/1786 tal-15 ta' Settembru 2023 li tħassar id-Decision 2006/928/KE dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika tal-progress fir-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni (ĠU 2023 L 229, p. 94), ħassret id-Deċiżjoni MKV b'effett mit-8 ta' Ottubru 2023. Id-Deċiżjoni MKV applikat *rationae temporis* għat-tilwima quddiem il-qorti tar-rinviju.

8 Sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et* (C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393; iktar 'il quddiem is-"sentenza Asociația 'Forumul Judecătorilor din România'").

9 Ara l-Artikolu 93(1) tal-Legea nr. 304/2022 privind organizarea judiciară (il-Liġi Nru 304/2022 dwar l-Organizzazzjoni tas-Sistema Ġudizzjarja), ippubblikata fil-*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 1104 tas-16 ta' Novembru 2022.

l-interess ikun marbut direttament ma' dritt suġġettiv jew interess privat leġittimu li huma għandhom. Hija tosserva li, fl-2016 u fl-2017, il-qrati Rumeni rrikonoxxew li r-rikorrenti kellhom *locus standi* sabiex tittejjeb l-indipendenza tal-ġudikatura u biex jiġi ppriżervat l-istatus tal-professjonijiet tal-imħallfin jew tal-prosekuturi [10].

11. Fis-sentenza Nru 8, l-Înalta Curte de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ir-Rumanija) [11] iddeċidiet li:

"Għall-iskopijiet ta' interpretazzjoni u ta' applikazzjoni uniformi tal-Artikolu 1, tal-Artikolu 2(1)(a), (r) u (s) u tal-Artikolu 8($1^1$) u ($1^2$) tal-Liġi Nru 554/2004, kif emendata u ssupplimentata ulterjorment, tiddeċiedi:

Fid-dawl tal-eżerċizzju tal-istħarriġ tal-legalità tal-atti amministrattivi fuq talba tal-assoċjazzjonijiet, bħala organi soċjali kkonċernati, l-interess pubbliku leġittimu jista' jiġi invokat biss b'mod sussidjarju meta mqabbel mal-interess leġittimu privat, peress li dan tal-aħħar jirriżulta mir-rabta diretta bejn l-att amministrattiv suġġett għall-istħarriġ tal-legalità u l-għan dirett kif ukoll l-għanijiet tal-assoċjazzjoni, skont l-istatuti".

12. Fid-dawl ta' din id-deċiżjoni, l-Înalta Curte de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja) iddeċidiet li l-assoċjazzjonijiet tal-imħallfin u/jew tal-prosekuturi ma kellhomx *locus standi* biex iressqu proċeduri li jitolbu l-annullament tad-deċiżjonijiet tal-KSĠ li jikkonċernaw, *inter alia*, il-ħatra tal-imħallfin, l-imħallfin assistenti u l-Kap Spettur tal-Inspecția Judiciară (l-Ispettorat Ġudizzjarju, ir-Rumanija) [12]. Hija waslet għal din il-konklużjoni fuq il-bażi li, f'dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti kienu pprovaw jinvokaw interess leġittimu pubbliku, iktar milli privat.

13. B'interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' interess privat leġittimu ddefinit fis-sentenza Nru 8, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li, peress li r-rikorrenti jsostnu li l-ordni kkontestata timplimenta leġiżlazzjoni li tippreġudika l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u tikser għaldaqstant l-impenji tar-Rumanija lejn l-Unjoni Ewropea, jista' jkun hemm rabta suffiċjenti bejn l-għanijiet tar-rikorrenti, kif indikati fl-istatuti tagħhom, u l-ordni kkontestata tali li tiġġeneralhom l-interess leġittimu privat meħtieġ biex iressqu l-azzjoni tagħhom. B'interpretazzjoni restrittiva tas-sentenza Nru 8, madankollu, ir-rikorrenti jkollhom biss interess leġittimu pubbliku u għaldaqstant ma jkollhomx *locus standi* biex iressqu dawn il-proċeduri.

10 Ara, pereżempju, is-sentenzi ċivili Nru 1475 tad-29 ta' April 2016, Nru 2949 tal-14 ta' Lulju 2017 u Nru 3192 tal-24 ta' Ottubru 2016 tal-Curtea de Apel București – Secția a VIII-a de contencios administrativ și fiscal (il-Qorti tal-Appell, Bukarest, ir-Rumanija – it-Tmien Diviżjoni għal Kwistjonijiet Amministrattivi u Fiskali) (iktar 'il quddiem is-"sentenzi Nru 1475, Nru 2949 u Nru 3192"). Fis-sentenza tagħha fil-kawża Societatea Civilă Profesională de Avocați AB & CD (C-252/22, EU:C:2024:13, punti 44 sa 48), il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat l-Artikoli 1, 2 u 8 tal-Liġi Nru 554/2004 fil-kuntest ta' uffiċċju tal-avukati li asserixxa *locus standi* biex iressqu azzjoni biex jannullaw deċiżjoni li approvat pjan għat-tqassim f'żoni u permess tal-iżvilupp għal landfill. B'differenza minn dan il-każ, li jikkonċerna l-Istat tad-dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura, dik is-sentenza titratta primarjament il-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, iffirmata f'Aarhus fil-25 ta' Ġunju 1998 u approvata f'isem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 (ĠU 2005 L 124, p. 1, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Aarhus").

11 Sentenza Nru 8 tal-Înalta Curte de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ir-Rumanija) tat-2 ta' Marzu 2020, ippubblikata fil-*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 580 tat-2 ta' Lulju 2020 (iktar 'il quddiem is-"sentenza Nru 8"). Il-qorti tar-rinviju indikat li s-sentenza Nru 8 ingħatat wara appell fl-interess tal-liġi li tirriżulta mill-Artikolu 517 tal-Codul de procedură civilă (il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). Salv għall-verifika mill-qorti tar-rinviju, jidher li s-sentenza Nru 8 torbot kemm lill-qrati inferjuri u kif ukoll lill-Înalta Curte de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja).

12 Ara, pereżempju, is-sentenzi Nru 4524 tas-7 ta' Ottubru 2021 u Nru 4462 tas-6 ta' Ottubru 2021 tal-Awla Amministrattiva u Fiskali tal-Înalta Curte de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, iktar 'il quddiem is-"sentenzi Nru 4524 u Nru 4462").

14. Peress li r-rikorrenti jasserixxu li kien hemm ksur tad-dritt tal-Unjoni, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li huma qegħdin jitolbu protezzjoni ġudizzjarja effettiva f'qasam kopert mid-dritt tal-Unjoni. Hija tixtieq tkun taf jekk l-interpretazzjoni stretta tal-kunċett ta' interess privat leġittimu li tkun tillimita l-firxa ta' azzjonijiet li l-assoċjazzjonijiet, bħalma huma r-rikorrenti, jistgħu jressqu, tiksirx l-Artikolu 2 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, moqri flimkien mal-Artikoli 12 u 47 tal-Karta. Il-qorti tar-rinviju, tixtieq tiċċara jekk, wara t-tneħħija tas-SIIJ, in-nuqqas biex ir-responsabbiltà għall-investigazzjoni u għall-prosekuzzjoni ta' allegazzjonijiet ta' korruzzjoni mill-imħallfin u l-prosekuturi terġa' tiġi assenjata lid-DNA jiksirx l-Artikolu 2, l-Artikolu 4(3) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, l-Anness IX tal-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni u d-Deċiżjoni MKV.

15. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Curtea de Apel Pitești (il-Qorti tal-Appell ta' Pitești) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja id-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 2 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, flimkien mal-Artikolu 12 u mal-Artikolu 47 tal-[Karta] jipprekludu t-tqegħid ta' limiti fuq it-tressiq ta' azzjonijiet ġudizzjarji mill-assoċjazzjonijiet professjonali tal-membri tal-ġudikatura, intiżi sabiex jippromwovu u jiddefendu l-indipendenza tal-ġudikatura u l-Istat tad-dritt, kif ukoll sabiex jissalvagwardjaw l-istatus tal-professjoni, bl-introduzzjoni tal-kundizzjoni eċċessivament restrittiva tal-eżistenza ta' interess privat leġittimu, abbażi ta' deċiżjoni vinkolanti tal-Înalta Curțe de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ir-Rumanija), segwita minn prassi ġurisprudenzjali nazzjonali, f'kawżi simili għal dik fil-kawża prinċipali li fiha tressqet din it-talba, li timponi rabta diretta bejn l-att amministrattiv suġġett għall-istħarriġ tal-legalità mill-qrati u l-iskop dirett u l-għanijiet tal-assoċjazzjonijiet professjonali tal-membri tal-ġudikatura, previsti fl-istatuti tagħhom, f'sitwazzjonijiet fejn l-assoċjazzjonijiet ifittxu li jiksbu protezzjoni ġudizzjarja effettiva f'oqsma rregolati mid-dritt tal-Unjoni konformement mal-iskop u mal-għanijiet ġenerali tal-istatut tal-assoċjazzjonijiet?

2) Fid-dawl tar-risposta għall-ewwel domanda, l-Artikolu 2, l-Artikolu 4(3) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, l-Anness IX tal-[Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni] u d-[Deċiżjoni MKV] jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrestrinġi l-kompetenza tad-[DNA] billi tassenja l-kompetenza esklużiva ta' investigazzjoni ta' reati ta' korruzzjoni (*lato sensu*) imwettqa minn membri tal-ġudikatura u minn prosekuturi lil prosekuturi maħtura speċifikament (mill-Procurorul General al României (il-Prosekutur Ġenerali tar-Rumanija), fuq proposta tal-assemblea plenarja tal-[KSĠ] fl-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku anness mal-Înalta Curte de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja) jew fl-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku anness mal-qrati tal-appell, fejn dawn tal-aħħar għandhom ukoll ġurisdizzjoni fuq il-kategoriji l-oħra ta' reati mwettqa mill-membri tal-ġudikatura u mill-prosekuturi?"

## Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

16. L-Asociația "Forumul Judecătorilor din România", il-konvenut, ir-Rumanija u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

17. Jien ser nittratta l-oġġezzjonijiet li jirrigwardaw il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-ammissibbiltà tad-domandi magħmula qabel ma nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, skont it-talba tagħha, kif hija għandha tirrispondi għall-ewwel domanda.

## Evalwazzjoni

### *Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-ammissibbiltà tal-ewwel domanda*

*Sottomissjonijiet*

18. Il-konvenut isostni li peress li r-rikorrenti ma invokawx xi dritt protett mid-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi fuq talba għal deċiżjoni preliminari. Il-proċeduri quddiem il-qorti tar-rinviju u d-domandi li hija staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja it-tnejn jirrigwardaw esklużivament l-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali u huma ta' natura ipotetika[13]. L-azzjoni quddiem il-qorti tar-rinviju hija "każ pilota" jew "mezz" intiż li jikseb talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE.

19. Ir-Rumanija ssostni li l-ewwel domanda hija inammissibbli peress li l-qorti tar-rinviju naqset milli tispjega b'mod ċar il-fatti fil-każ quddiemha u, b'mod partikolari, milli tindika kif u fuq liema bażi d-dritt ta' aċċess tar-rikorrenti għall-qorti huwa ristrett. Ma huwiex ċar jekk ir-restrizzjoni potenzjali toriġinax mil-Liġi Nru 554/2004, mis-sentenza Nru 8 jew minn interpretazzjoni restrittiva ta' din is-sentenza. Peress li l-qorti tar-rinviju stess tikkunsidra li hemm rabta diretta bejn l-ordni kkontestata u l-għanijiet tar-rikorrenti, jidher li jsegwi li l-azzjoni tar-rikorrenti hija ammissibbli bħala kwistjoni tad-dritt nazzjonali, b'mod li r-risposta għall-ewwel domanda ma tkun isservi għal ebda skop utli[14].

*Analiżi*

20. Mis-sunt tal-argumenti tar-rikorrenti li jinsab fit-talba għal deċiżjoni preliminari, jirriżulta b'mod ċar li, għall-kuntrarju tal-argumenti tal-konvenut, l-azzjoni quddiem il-qorti tar-rinviju hija bbażata fuq id-dritt tal-Unjoni. Ir-rikorrenti invokaw, u talbu interpretazzjoni tal-Artikolu 2 u tal-Artikolu 19(1) TUE, moqri fid-dawl tal-Artikoli 12 u 47 tal-Karta, l-Anness IX tal-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni u d-Deċiżjoni MKV. Ir-raġunijiet li wasslu lill-qorti tar-rinviju tressaq it-talba għal deċiżjoni preliminari u d-domandi li hija għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriflettu r-rilevanza tad-dritt tal-Unjoni għar-riżoluzzjoni tat-tilwima quddiemha. Lanqas ma hemm xejn fil-proċess li għandha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja li jissuġġerixxi li t-tilwima fil-kawża prinċipali hija b'xi mod artifiċjali jew ipotetika[15].

21. L-argument tal-konvenut li r-rikorrenti ma invokawx dritt protett mid-dritt tal-Unjoni jolqot is-sustanza tal-ewwel domanda tal-qorti tar-rinviju dwar il-*locus standi*. In-natura ta' din l-oġġezzjoni tirrendiha inkapaċi li tiġġustifika konstatazzjoni li l-ewwel domanda hija inammissibbli[16]. Għall-kuntrarju tal-argument tar-Rumanija, nikkunsidra li l-qorti tar-rinviju indikat fid-dettall il-fatti kontenzjużi quddiemha li wassluha biex tressaq talba għal deċiżjoni preliminari, u għaldaqstant biex tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 94(a) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

[13] Sentenza tal-11 ta' Marzu 1980, Foglia (104/79, EU:C:1980:73, punt 11).

[14] Ir-Rumanija tagħmel riferiment għall-punti 47 u 51 tat-talba għal deċiżjoni preliminari fejn il-qorti tar-rinviju tidher li tikkonstata li r-rekwiżit ta' rabta diretta bejn l-ordni kkontestata u l-għanijiet tar-rikorrenti kif indikati fl-istatuti tagħhom huwa ssodisfatt.

[15] Ara, pereżempju, is-sentenza tal-11 ta' Marzu 1980, Foglia (104/79, EU:C:1980:73).

[16] Sentenza tal-20 ta' April 2021, Repubblika (C-896/19, EU:C:2021:311, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22. Għal dak li jirrigwarda l-asserzjoni tar-Rumanija li ma hemm l-ebda għan utli biex il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi l-ewwel domanda, huwa minnu li l-qorti tar-rinviju tikkunsidra li r-rikorrenti għandhom *locus standi* f'dan il-każ u tosserva li qrati Rumeni oħra rrikonoxxew il-*locus standi* tagħhom f'każijiet mibdija bil-għan li tissaħħaħ l-indipendenza tal-ġudikatura[17]. Il-qorti tar-rinviju tenfasizza, madankollu, li hemm istanzi wkoll fejn is-sentenza Nru 8 ġiet interpretata tant b'mod restrittiv li ċċaħħad lir-rikorrenti mil-*locus standi* biex iressqu tali talbiet[18]. Huwa suffiċjenti li jiġi osservat li quddiem il-qorti tar-rinviju l-konvenut bbaża ruħu fuq is-sentenza Nru 8 insostenn tal-argument tiegħu li r-rikorrenti ma għandhomx *locus standi.*

23. Għaldaqstant, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad id-diversi eċċezzjonijiet imressqa kontra l-ġurisdizzjoni tagħha u kontra l-ammissibbiltà tal-ewwel domanda.

### *Sustanza*

24. L-ewwel domanda tikkonċerna r-relazzjoni bejn id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva quddiem il-qrati nazzjonali taħt id-dritt tal-Unjoni u r-regoli nazzjonali dwar il-*locus standi.* Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2 u l-Artikolu 19(1) TUE, moqrija fid-dawl tal-Artikoli 12 u 47 tal-Karta, jipprekludux ir-regoli nazzjonali dwar il-*locus standi* li jeżiġu li l-assoċjazzjonijiet tal-imħallfin juru li huma għandhom interess privat leġittimu[19] f'azzjonijiet intiżi li jannullaw atti li huma jallegaw li huma inkompatibbli mal-indipendenza tal-ġudikatura u l-Istat tad-dritt[20].

25. La t-talba għal deċiżjoni preliminari u lanqas l-osservazzjonijiet tal-partijiet ma jiċċaraw jekk, u fil-każ affermattiv, taħt liema kundizzjonijiet, ir-rikorrenti jkollhom *locus standi* taħt id-dritt nazzjonali biex iressqu proċeduri ta' stħarriġ ġudizzjarju quddiem il-qrati tar-Rumanija. L-Asociația "Forumul Judecătorilor din România" u r-Rumanija jsostnu li, bħala kwistjoni tad-dritt Rumen, ir-rikorrenti għandhom *locus standi* biex iressqu l-proċeduri quddiem il-qorti tar-rinviju. Skont is-sentenza Nru 8, ir-rikorrenti għandhom interess privat leġittimu f'din l-azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju tal-ordni kkontestata, peress li hemm rabta bejn din l-azzjoni u l-għanijiet tar-rikorrenti kif stabbiliti fl-istatuti tagħhom. Il-konvenut isostni li l-ġurisprudenza Rumena timponi l-kundizzjoni addizzjonali li l-assoċjazzjonijiet iridu juru li l-att mistħarreġ jaffettwa l-eżistenza tagħhom bħala persuni ġuridiċi, il-proprjetà tagħhom, il-kundizzjonijiet operattivi tagħhom jew il-ksib tal-għanijiet tagħhom.

26. Ir-rikorrenti ressqu numru ta' azzjonijiet quddiem il-qrati Rumeni bil-għan li jsaltan l-Istat tad-dritt, li xi wħud minnhom kienu s-suġġett ta' rinviji għal deċiżjoni preliminari[21]. Ma huwiex ċar għaliex il-konvenut jikkontesta l-*locus standi* tar-rikorrenti taħt id-dritt nazzjonali f'dan il-każ meta quddiem il-qrati Rumeni ġie deċiż li r-rikorrenti għandhom *locus standi.* L-Asociația "Forumul Judecătorilor din România" tosserva, barra minn hekk, li l-Qorti tal-Ġustizzja ma oġġezzjonatx għall-ammissibbiltà tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari li wassal għas-sentenza *Asociația "Forumul Judecătorilor din România".*

17 Ara, pereżempju, is-sentenzi Nru 1475, Nru 2949 u Nru 3192.

18 Ara, pereżempju, is-sentenzi Nru 4524 u Nru 4462.

19 L-interess pubbliku leġittimu jista' jiġi invokat ukoll jekk dan ikun marbut direttament ma' dritt suġġettiv jew ma' interess privat leġittimu.

20 L-ewwel domanda tgħid li r-rekwiżit ta' interess privat leġittimu kien suġġett għall-"introduzzjoni tal-kundizzjoni eċċessivament restrittiva".

21 Ara, pereżempju, il-kawżi li wasslu għas-sentenza Asociația "Forumul Judecătorilor din România" u s-sentenza tas-7 ta' Settembru 2023, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" (C-216/21, EU:C:2023:628).

27. Huwa biżżejjed li jingħad li, bħala prinċipju, ma huwiex l-obbligu tal-Qorti tal-Ġustizzja li toġġezzjona għall-ammissibbiltà ta' talba għal deċiżjoni preliminari kemm-il darba din it-talba titqies li hija konformi mal-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha. Kwistjonijiet ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni huma preżunti rilevanti. Huwa l-obbligu tal-qorti tar-rinviju li tiddefinixxi l-kuntest fattwali u leġiżlattiv, inkluż l-ammissibbiltà tal-azzjoni quddiemha, bħala li huwa kwistjoni tad-dritt nazzjonali [22].

*Il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet tal-individwi taħt id-dritt tal-Unjoni u l-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri*

28. L-osservanza tal-Istat tad-dritt hija waħda mill-valuri komuni sanċiti fl-Artikolu 2 TUE. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, li jeżiġi li l-Istati Membri jipprovdu rimedji suffiċjenti biex jiżguraw il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni, huwa manifestazzjoni konkreta ta' dan il-valur. Il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet li l-individwi jisiltu mid-dritt tal-Unjoni jikkostitwixxi prinċipju ġenerali li jirriżulta mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, li ġie stabbilit fl-Artikoli 6 u 13 tal-KEDB u li ġie affermat mill-ġdid fl-Artikolu 47 tal-Karta. Din l-aħħar dispożizzjoni għandha, għalhekk, tittieħed debitament inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-imsemmi tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE [23]. Taħt l-Artikolu 47 tal-Karta, kull persuna li d-drittijiet tagħha ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni jiġu miksura għandha d-dritt għal smigħ xieraq, pubbliku u fi żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel mil-liġi [24].

29. Huma l-Istati Membri li għandhom jistabbilixxu sistema ta' rimedji u proċeduri legali biex jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. Huma l-Istati Membri li għandhom jindikaw il-qrati u/jew l-istituzzjonijiet kompetenti għall-istħarriġ tal-validità ta' dispożizzjoni nazzjonali u jipprevedu r-rimedji proċeduri ġudizzjarji li jippermettu l-kontestazzjoni ta' din il-validità, u, meta r-rikors ikun fondat, jannullaw l-imsemmija dispożizzjoni u jiddeterminaw l-effetti ta' tali annullament [25].

30. Filwaqt li fin-nuqqas ta' regoli tal-Unjoni fil-qasam, l-Istati Membri għandhom jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni, id-dritt tal-Unjoni ma jeżiġix li l-Istati Membri jadottaw sistema speċifika ta' rimedji jew modalitajiet proċedurali li jirregolaw l-azzjonijiet intiżi sabiex jiżguraw il-ħarsien tad-drittijiet li l-individwi għandhom taħt id-dritt tal-Unjoni [26], sakemm ir-rimedji u proċeduri disponibbli għal dan il-għan ikunu konformi mal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività. Il-modalitajiet proċedurali ddettaljati li jirregolaw l-azzjonijiet intiżi sabiex jiżguraw il-ħarsien tad-drittijiet li l-individwi għandhom taħt id-dritt

22 Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Târșia (C-69/14, EU:C:2015:662, punti 12 u 13 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2021, W.Ż. (Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra) (C-487/19, EU:C:2021:798, punt 102 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tad-29 ta' Marzu 2022, Getin Noble Bank (C-132/20, EU:C:2022:235, punt 89).

24 Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, W.Ż. (Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra) (C-487/19, EU:C:2021:798, punt 122). Filwaqt li l-Artikolu 47 tal-Karta jgħin biex jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ta' individwu li jinvoka, f'xi każ partikolari, dritt li huwa jew hija tislet mid-dritt tal-Unjoni, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE huwa intiż li jiżgura li s-sistema ta' rimedji legali f'kull Stat Membru tiggarantixxi l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni indipendentement minn jekk Stat Membru jkunx qiegħed jimplimenta d-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta: sentenza tal-20 ta' April 2021, Repubblika (C-896/19, EU:C:2021:311, punti 36, 45 u 52). Kemm it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta għandhom effett dirett u jagħtu drittijiet lill-individwi li huma jistgħu jinvokaw quddiem il-qrati nazzjonali: sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, A.B. *et* (Ħatra tal-imħallfin fil-Qorti Suprema – Rikors) (C-824/18, EU:C:2021:153, punti 145 u 146) (iktar 'il quddiem is-"sentenza A.B.").

25 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2018, Minister for Justice and Equality and Commissioner of An Garda Síochána (C-378/17, EU:C:2018:979, punt 34).

26 Sentenza tas-6 ta' Mejju 2010, Club Hotel Loutraki *et* (C-145/08 u C-149/08, EU:C:2010:247, punt 74 u l-ġurisprudenza ċċitata).

tal-Unjoni ma għandhomx, għaldaqstant, ikunu inqas favorevoli minn dawk li jikkonċernaw azzjonijiet ġudizzjarji nazzjonali (prinċipju ta' ekwivalenza) u ma għandhomx jirrendu prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju ta' drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni (prinċipju ta' effettività). Dawn ir-rekwiżiti huma bbażati wkoll fuq il-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE [27].

31. Salv għall-verifika mill-qorti tar-rinviju, peress li l-Liġi Nru 554/2004 u s-sentenza Nru 8 japplikaw ugwalment għall-azzjonijiet ibbażati fuq id-dritt nazzjonali u għall-azzjonijiet bbażati fuq id-dritt tal-Unjoni quddiem il-qrati Rumeni, jidher li huwa biss il-prinċipju ta' effettività li għandu jiġi analizzat f'dan il-każ. Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta, huwa stabbilit li l-Istati Membri għandhom jipproteġu b'mod effettiv ir-rispett tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tal-imsemmija drittijiet lil-individwi jisiltu mid-dritt tal-Unjoni [28]. Dan ir-rekwiżit jirrifletti u jirrikonċilja l-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità fl-Artikolu 5 TUE, l-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri [29] u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva [30].

*Id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva għandu jkun marbut ma' dritt mogħti mid-dritt tal-Unjoni*

32. Fis-sentenza Inuit [31], il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li la t-TFUE u lanqas l-Artikolu 19 TUE ma jeżiġi l-ħolqien ta' rimedji differenti minn dawk diġà stabbiliti mid-dritt nazzjonali sabiex tiġi żgurata l-osservanza tad-dritt tal-Unjoni quddiem il-qrati nazzjonali. Ikun mod ieħor biss jekk ikun jirriżulta mill-istruttura tal-ordinament ġuridiku nazzjonali inkwistjoni li ma jeżisti l-ebda rimedju ġudizzjarju li tippermetti, anki jekk b'mod inċidentali, li jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet li l-individwi jisiltu mid-dritt tal-Unjoni [32]. F'tali każijiet, il-qrati nazzjonali għandhom jasserixxu l-ġurisdizzjoni tagħhom biex jiddeċiedu kawża mressqa minn persuna kkonċernata bl-iskop li tiddefendi drittijiet li d-dritt tal-Unjoni jiggarantixxu lilu jew lilha [33].

[27] Salv fejn jgħid mod ieħor, id-dritt tal-Unjoni ma jimponi ebda mudell ġudizzjarju partikolari fuq l-Istati Membri: sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 130).

[28] Ara s-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 115) u l-ġurisprudenza ċċitata. Ara wkoll is-sentenza tat-22 ta' Ottubru 1998, ICO. N. GE.'90 *et* (C-10/97 sa C-22/97, EU:C:1998:498, punt 14). Minkejja li l-applikazzjoni prattika tal-prinċipju ta' effettività jikkoinċidi b'mod konsiderevoli mad-dritt ta' rimedju effettiv skont l-Artikolu 47 tal-Karta, dawn huma kwistjonijiet distinti li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu konformi magħhom. Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża An tAire Talmhaíochta Bia agus Mara, Éire agus an tArd-Aighne (C-64/20, EU:C:2021:14, punt 42). Ara wkoll is-sentenzi tal-15 ta' April 2008, Impact (C-268/06, EU:C:2008:223, punti 46 sa 48); tat-3 ta' Ottubru 2013, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-583/11 P, EU:C:2013:625, punti 103 u 104; iktar 'il quddiem is-"sentenza Inuit"); u tat-13 ta' Diċembru 2017, El Hassani (C-403/16, EU:C:2017:960, punti 26 sa 30).

[29] Sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, Prokuratuur (Kundizzjonijiet ta' aċċess għad-data dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi) (C-746/18, EU:C:2021:152, punt 42).

[30] Is-sentenza tal-15 ta' Mejju 1986, Johnston (222/84, EU:C:1986:206, punti 13 sa 21) hija eżempju bikri li kkonfermat id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva minkejja l-eżistenza ta' regoli proċedurali nazzjonali li pprekludew tali protezzjoni.

[31] Punti 103 sa 104.

[32] Sentenza tal-14 ta' Mejju 2020, Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság Dél-alföldi Regionális Igazgatóság (C-924/19 PPU u C-925/19 PPU, EU:C:2020:367, punt 143 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll is-sentenza tat-2 ta' Ġunju 2022, Skeyes (C-353/20, EU:C:2022:423, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[33] Il-konvenut jikkunsidra li r-regoli Rumeni dwar il-*locus standi* f'dan il-każ, kif interpretati mill-ġurisprudenza nazzjonali, huma simili għar-regoli ta' *locus standi* taħt l-Artikolu 263 TFUE. Fil-fehma tiegħi, dan il-paragun ma huwiex ta' rilevanza partikolari għal dan il-każ. Ir-regoli ta' *locus standi* u r-rekwiżiti, *inter alia*, dwar il-fatt li l-att irid ikun jirrigwarda persuna direttament u individwalment skont l-Artikolu 263 TFUE huma speċifiċi għal azzjonijiet għall-annullament ta' atti tal-istituzzjonijiet tal-UE quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Bħala prinċipju, l-azzjonijiet f'oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni quddiem il-qrati nazzjonali huma suġġetti għall-prinċipju ta' awtonomija proċedurali. F'dan il-kuntest, nirreferi għall-Kawżi T-530/22, T-531/22, T-532/22 u T-533/22 pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

33. Fis-sentenza tagħha Internationale Fruchtimport Gesellschaft Weichert vs Il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "d-dritt għal qorti" ma huwiex assolut[34] u huwa suġġett għal, pereżempju, regoli li jistabbilixxu termini li fiha tkun trid tinbeda l-azzjoni. Dawn ir-regoli, madankollu, ma għandhomx jillimitaw l-aċċess miftuħ ta' individwu b'mod jew sa tali punt li d-dritt tiegħu jew tagħha għal qorti jiġi ppreġudikat fis-sustanza nnifisha tiegħu. Tali regoli għandhom ikollhom għan leġittimu u r-rabta bejn il-mezzi użati u l-għan li huma jfittxu għandha tkun raġonevoli u proporzjonata[35]. Dwar il-*locus standi* quddiem il-qrati nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "[b]'hekk, fil-prinċipju, hija l-liġi nazzjonali li għandha tistabbilixxi l-*locus standi* u l-interess ġuridiku tal-individwu, madankollu d-dritt tal-UE jirrikjedi, minbarra r-rispett tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma ddgħajjifx id-dritt għall-protezzjoni ġudizzjarja effettiva [...]"[36].

34. Id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva taħt l-Artikolu 47 tal-Karta ma jeżistix f'vakum u għandu jiġi marbut ma' dritt li jagħti d-dritt tal-Unjoni, jew ma libertà ggarantita minnu. L-Artikolu 47 tal-Karta jista' jiġi invokat minn kwalunkwe persuna bil-għan li quddiem il-qorti nazzjonali tikkontesta att li Stat Membru jkun adotta fl-implimentazzjoni tiegħu tad-dritt tal-Unjoni li jikkawżalha preġudizzju[37]. Huwa f'dan il-kuntest li l-Istati Membri jgawdu marġni ta' diskrezzjoni wiesa' sabiex jiddeterminaw dak li jkun jikkostitwixxi indebboliment ta' dritt jew libertà, il-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà tar-rikorsi u l-organi li quddiemhom dawn jistgħu jiġu eżerċitati[38].

35. Fl-azzjoni tagħhom quddiem il-qorti tar-rinviju, ir-rikorrenti jinvokaw tliet argumenti sabiex jistabbilixxu l-*locus standi* tagħhom taħt id-dritt tal-Unjoni. L-ewwel nett, huma jinvokaw, b'analoġija, id-dritt li l-leġiżlazzjoni sekondarja tal-Unjoni tagħti lill-assoċjazzjonijiet ambjentali jew mhux ambjentali biex iressqu proċeduri. It-tieni, huma jsostnu li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li għandu jkun hemm possibbiltà ta' azzjoni taħt id-dritt nazzjonali sabiex ikun protett l-Istat tad-dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura. It-tielet, ir-rikorrenti jasserixxu li huma għandhom dritt ta' azzjoni bbażat fuq l-Artikolu 12 tal-Karta.

36. F'ċerti ċirkustanzi, id-dritt sekondarju tal-Unjoni jagħti speċifikament lill-assoċjazzjonijiet *locus standi* biex iressqu rikorsi quddiem il-qrati nazzjonali sabiex jilħqu l-għanijiet imfittxija minn dan id-dritt sekondarju. Fi kwistjonijiet ambjentali, l-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jagħti lill-organizzazzjonijiet ambjentali aċċess għal proċedura biex jiġu mistħarrġa ċerti atti jew ommissjonijiet speċifiċi[39]. F'tali istanzi, dawk l-organizzazzjonijiet jitqiesu li għandhom interess suffiċjenti jew li għandhom drittijiet li jistgħu jkunu s-suġġett ta' ksur tali li jippermettulhom iressqu tali rikorsi. L-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jipprovdi li

[34] Digriet tas-16 ta' Novembru 2010, Internationale Fruchtimport Gesellschaft Weichert vs Il-Kummissjoni (C-73/10 P, EU:C:2010:684, punt 53). Ara wkoll is-sentenza tat-28 ta' Frar 2013, Review of Arango Jaramillo *et* vs BEI (C-334/12 RX-II, EU:C:2013:134, punt 43), u s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"QEDB"), 23 ta' Ġunju 2016, Baka vs L-Ungerija (CE:ECHR:2016:0623JUD002026112, punt 120.

[35] Ara QEDB, 28 ta' Ottubru 1998, Pérez de Rada Cavanilles vs Spanja (CE:ECHR:1998:1028JUD002809095, punt 44).

[36] Sentenza tad-19 ta' Marzu 2015, E.ON Földgáz Trade (C-510/13, EU:C:2015:189, punt 50). Ara wkoll is-sentenzi tat-13 ta' Jannar 2005, Streekgewest (C-174/02, EU:C:2005:10, punti 18 sa 21); tat-13 ta' Marzu 2007, Unibet (C-432/05, EU:C:2007:163, punti 36 *et seq*); u tas-6 ta' Mejju 2010, Club Hotel Loutraki and Others (C-145/08 u C-149/08, EU:C:2010:247, punti 74 sa 80).

[37] Sentenza tal-11 ta' Novembru 2021, Gavanozov II (C-852/19, EU:C:2021:902, punti 45 u 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[38] Ara, b'analoġija, is-sentenzi tat-12 ta' Mejju 2011, Bund für Umwelt und Naturschutz Deutschland, Landesverband Nordrhein-Westfalen (C-115/09, EU:C:2011:289, punt 55), u tat-23 ta' April 2020, Associazione Avvocatura per i diritti LGBTI (C-507/18, EU:C:2020:289, punti 60 sa 65).

[39] Sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u huma parti mill-"pubbliku kkonċernat" li għalih tagħmel riferiment din id-dispożizzjoni: sentenza tat-8 ta' Novembru 2016, Lesoochranárske zoskupenie VLK (C-243/15, EU:C:2016:838, punt 55).

l-Istati Membri għandhom jadottaw liġijiet li joffru *locus standi* usa, jew anki mhux ristretta biex jinfetħu ċerti tipi ta' azzjonijiet ambjentali: madankollu huwa ma jimponi ebda obbligu biex jiġu adottati tali regoli[40].

37. Skont l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2000/78/KE[41], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li assoċjazzjonijiet li, skont il-kriterji stabbiliti mil-liġi nazzjonali, għandhom interess leġittimu biex jiżguraw l-osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva, jistgħu jibdew, jew għan-nom jew bħala sostenn ta' min għamel l-ilment, bl-approvazzjoni tiegħu jew tagħha, xi proċedura ġudizzjarja u/jew amministrattiva prevista għall-eżekuzzjoni ta' obbligi li joħorġu minn din id-direttiva. Din id-dispożizzjoni ma timponix fuq l-Istati Membri li jagħtu lill-assoċjazzjonijiet *locus standi* sabiex jibdew proċedura ġudizzjarja għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tal-obbligi meta ebda persuna leża ma tkun identifikabbli. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu jew jżommu dispożizzjonijiet li huma iktar favorevoli għall-protezzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament minn dawk previsti fid-Direttiva 2000/78. Għaldaqstant l-Istat Membru jista' jagħti d-dritt għall-assoċjazzjonijiet li jressqu proċeduri għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tal-obbligi riżultanti mid-Direttiva 2000/78 fl-assenza ta' lanjant identifikabbli[42].

38. Ebda dritt sekondarju tal-Unjoni ma jagħti *locus standi* lill-assoċjazzjonijiet tal-membri tal-ġudikatura u prosekuturi f'azzjonijiet li jistgħu jitressqu quddiem il-qrati nazzjonali għall-iskopijiet li fl-interess pubbliku jsaltan l-Istat tad-dritt. Id-dritt tal-Unjoni la jeżiġi u lanqas jipprojbixxi lill-Istati Membri milli jintroduċu regoli dwar il-*locus standi* biex jippermettu lil tali assoċjazzjonijiet iressqu azzjonijiet ta' interess pubbliku jew jippreżentaw *actio popularis* fl-interess tal-Istat tad-dritt u/jew indipendenza tal-ġudikatura[43]. Fl-assenza ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni[44], tali assoċjazzjonijiet għandhom, bħala prinċipju, jibbażaw ruħhom fuq regoli nazzjonali dwar il-*locus standi* u kwalunkwe dritt li huma jista' għandhom biex iressqu tali azzjonijiet.

39. Ir-rikorrenti jsostnu li, skont is-sentenza A.B., huma għandhom *locus standi* biex jinvokaw l-Istat tad-dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura billi jkomplu bil-proċeduri li huma bdew quddiem il-qorti tar-rinviju. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, *inter alia,* li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE jipprekludi li jiġi emendat id-dritt nazzjonali li jċaħħad lill-qrati nazzjonali mill-ġurisdizzjoni biex jiddeċiedu fuq rikorsi mressqa minn kandidati li ma jkollhomx suċċess għal pożizzjonijiet fil-ġudikatura meta dawn l-emendi huma ta' natura li joħolqu dubji leġittimi, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, fir-rigward tal-impermeabbiltà tal-imħallfin maħtura[45].

[40] Sentenza tat-8 ta' Novembru 2022, Deutsche Umwelthilfe (Approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur) (C-873/19, EU:C:2022:857, punt 49).

[41] Direttiva tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol 4, p. 79).

[42] Sentenza tat-23 ta' April 2020, Associazione Avvocatura per i diritti LGBTI (C-507/18, EU:C:2020:289, punti 61 sa 63). Din tista' tiġi deskritta bħala li tippermetti lill-Istati Membri jintroduċu forma ta' *actio popularis* fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali tagħhom. Ara wkoll l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

[43] Ara, b'analo[ija, is-sentenza tal-20 ta' April 2021, Repubblika (C-896/19, EU:C:2021:311). Repubblika, assoċjazzjoni rreġistrata bħala persuna ġuridika f'Malta biex tippromwovi l-protezzjoni tal-ġustizzja u l-Istat tad-dritt, ressqet *actio popularis* kontra l-Prim Ministru ta' Malta li tikkonċerna, *inter alia*, il-konformità mad-dritt tal-Unjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jirregolaw il-ħatra tal-membri tal-ġudikatura. Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Orizzonte Salute (C-61/14, EU:C:2015:655, punti 29 sa 41). Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li f'rinviju taħt l-Artikolu 267 TFUE, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina l-partijiet, inklużi l-intervenjenti, fil-proċeduri quddiemha b'riferiment għar-regoli ta' proċedura nazzjonali.

[44] La l-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni u lanqas id-Deċiżjoni MKV ma jikkontemplaw l-għoti ta' tali *locus standi.* Ara b'mod partikolari, l-Artikolu 39 ta' dan l-att u l-Anness IX tiegħu.

[45] Punt 150.

40. B'differenza miċ-ċirkustanzi li wasslu għas-sentenza A.B., il-proċeduri pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju jikkonċernaw il-ħatra tal-prosekuturi inkarigati mill-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-imħallfin iktar milli l-ħatra tal-imħallfin. Il-garanziji ta' indipendenza u imparzjalità li d-dritt tal-Unjoni jitlob mingħand l-imħallfin jipprekludu regoli nazzjonali li jistgħu jinfluwenzaw direttament jew indirettament id-deċiżjonijiet tal-imħallfin, u b'hekk iwasslu għal "assenza ta' apparenza ta' indipendenza jew ta' imparzjalità tagħhom li tista' tippreġudika l-fiduċja li l-ġustizzja għandha tispira fil-partijiet fil-kawża f'soċjetà demokratika u fi Stat tad-dritt"[46]. Id-deċiżjonijiet li jawtorizzaw il-prosekuzzjoni tal-imħallfin ikkonċernati għandhom ikunu adottati jew mistħarrġa minn istanza li hija stess tissodisfa l-garanziji inerenti fi protezzjoni ġudizzjarja effettiva, fosthom dik tal-indipendenza. Is-sempliċi prospett għall-imħallfin, li jinkorru r-riskju li awtorizzazzjoni sabiex jinfetħu proċeduri kriminali kontrihom tista' tintalab u tinkiseb minn istanza li l-indipendenza tagħha ma tkunx iggarantita tista' taffettwa l-indipendenza tal-ġudikatura tagħhom[47].

41. Ma hemmx indikazzjoni fil-proċess quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li l-kandidati li ma jkollhomx suċċess għall-kariga ta' prosekutur, *inter alia*, fit-taqsima ta' investigazzjoni tal-PÎCCJ, ma għandhomx interess privat leġittimu u għaldaqstant *locus standi* taħt id-dritt nazzjonali biex jikkontestaw l-ordni kkontestata u l-Liġi Nru 49/2022 li fuqha hija bbażata din l-ordni. X'aktarx ta' importanza ikbar huwa l-fatt li, filwaqt li s-sentenza A.B. tikkonferma li f'ċerti istanzi, limitati, il-kandidati li ma jkollhomx suċċess għal karigi ġudizzjarji li l-interessi tagħhom ġew ippreġudikati jista' jkollhom dritt taħt id-dritt tal-Unjoni biex iressqu azzjoni quddiem il-qrati nazzjonali biex jinvokaw l-Istat tad-dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura, hija ma tagħtix dan id-dritt lill-assoċjazzjonijiet tal-imħallfin jew prosekuturi bħalma huma r-rikorrenti.

42. Għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 12 tal-Karta u l-libertà ta' assoċjazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Trasparenza Assoċjattiva)[48] li l-assoċjazzjonijiet għandhom ikunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom mingħajr indħil mhux iġġustifikat mill-Istat. Il-proċess quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma jindikax li r-rikorrenti jew kwalunkwe assoċjazzjoni oħra huma suġġetti għal regoli differenti jew iktar stretti fuq il-*locus standi* minn dawk ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra. Kif jindika l-punt 33 ta' dawn il-konklużjonijiet, id-dritt għal qorti ma huwiex assolut. Salv għall-verifika li għandha tagħmel il-qorti tar-rinviju, ma jidher li hemm ebda evidenza li r-regoli dwar il-*locus standi* fir-Rumanija jippreġudikaw is-sustanza stess tad-dritt għal qorti li għandhom ir-rikorrenti, li l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni nazzjonali huwa illeġittimu, jew li l-mezzi użati biex jintlaħaq dan l-għan huma sproporzjonati. Il-fatt li l-istatuti tal-Asociația "Forumul Judecătorilor din România" jikkontemplaw il-ftuħ ta' ċerti proċeduri legali biex jintlaħqu l-għanijiet tagħha ma jbiddilx din l-evalwazzjoni. L-attivitajiet ta' assoċjazzjoni għandhom, bħala prinċipju, jitwettqu skont il-liġi, inklużi r-regoli dwar il-*locus standi*.

46 Sentenza Asociația "Forumul Judecătorilor din România", punt 197).

47 Sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin) (C-204/21, EU:C:2023:442, punti 100 u 101).

48 Sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, *Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Trasparenza Assoċjattiva)*, (C-78/18, EU:C:2020:476, punti 112 u 113).

**Konklużjoni**

43. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi l-ewwel domanda magħmula mill-Curtea de Apel Pitești (il-Qorti tal-Appell, Pitești, ir-Rumanija) bil-mod kif ġej:

L-Artikolu 2 u l-Artikolu 19(1) TUE, moqrija fid-dawl tal-Artikoli 12 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Anness IX tal-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-aġġustamenti lit-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/928/KE tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verfika tal-progress fir-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, ma jipprekludux ir-regoli nazzjonali dwar il-*locus standi* li jeżiġu li l-assoċjazzjonijiet tal-imħallfin u tal-prosekuturi juru li huma għandhom interess privat leġittimu, kif iddefinit mid-dritt nazzjonali, f'azzjonijiet intiżi li jannullaw atti li huma jallegaw li huma inkompatibbli mal-indipendenza tal-ġudikatura u mal-Istat tad-dritt.